# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 224/01mm**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Salvu Busuttil**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u erbgha u sittin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm964.37) rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut fil-

propjeta' tas-socjeta' attrici fi Triq il-Granmastri, Marsascala, fl-10 ta' Lulju, 1999.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-21 ta' Mejju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.